# Mużika u Baned

## *(It-tieni parti)*



**Kitba u riċerka ta' Lorenzo ZAHRA**

Wara li ġiet ippubblikata l-ewwel parti ta' din ir-rubrika interessanti fl-annwal tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard fl-2004 ser inkomplu bit-tieni parti din is-sena fejn ser nibdew mill-1884 sa l-1900. Ta' min jirrimarka li anke f'din il-parti, ħadd ma għandu jippretendi li ser isib il-ħidma tal-baned kollha li issa kienu żdiedu ġmielhom. Huwa fatt ukoll li xi baned ftit li xejn kienu jħabblu rashom jibgħatu tagħrif lill-ġurnali, waqt li oħrajn ma kienux jonqsu jibgħatu u naturalment isibu appoġġ għall-publikazzjoni. Bosta drabi l-baned kienu jibgħatu l-programmi li jkunu ser jesegwixxu u li jkunu ppublikati. Ħaġa li mis-snin tletin bdew jiġu ppubblikati programmi f'xi ktejjeb mill-istess Każini jew istituzzjonijiet festivi. Dawn illum saru kotba ta' interess, imżewqa bir-ritratti u mimlija bil-messaġġi uffiċjali, b'tagħrif dwar il-ħidma u programmi mużikali kif ukoll tagħrif storiku marbut mal-baned, il-festi u l-knejjes tagħna. Dawn jiffurmaw il-ġrajja għal quddiem. Nifhmu li r-referenzi tagħna li ġbarna jkunu ta' għajnuna fit-tiftix għal aktar tagħrif dwar ġrajjet il-baned tagħna - l-awtur Lorenzo Zahra.

**Referenzi u abbrevjazzjonijiet:**

| | |
|---|---|
| *Avv* | *Avvenire* |
| *B tal M* | *Bandiera tal-Maltin* |
| *CMM* | *Cor. Merch. Maltese* |
| *DMC* | *Daily Malta Chronicle* |
| *G di M* | *Gazzetta di Malta* |
| *M/H* | *Malta Herald* |
| *M* | *Il Malta* |
| *M/T* | *Malta Tagħna* |
| *Malta Std.* | *Malta Standard* |
| *Pub. Op.* | *Public Opinion* |

## 1884

- Il-Banda San Ġorġ ta' Bormla fil-Belt. (CMM, 26/01).
- L'Isle Adam iddoqq fuq is-Saqqajja, ir-Rabat. (CMM, 02/02).
- Ftuħ tal-Każin Unione fil-Belt, fi 13, Strada Brittanica. (CMM, 13/02).
- Il-Banda Unione ta' Ħal-Luqa bit-tieni programm tagħha. (CMM, 17/02).
- Il-Banda La Vincitrice ddoqq Innu Nazzjonali fit-Teatrin Indipendenza, San Ġiljan. (CMM, 03/04).
- Il-Banda Nazionale Vincitrice fil-festa ta' S. Ġorġ f'Ħal-Qormi. (CMM, 21/04).
- Il-Banda San Giorgio ta' Cospicua fiż-Żejtun fil-festa tad-Duttrina. (CMM, 20/06).
- Il-Banda San Giorgio ta' Cospicua fi Pjazza S. Margerita. (CMM, 27/06).
- Il-Banda La Vallette tagħmel festa b'inkwadru/ritratt ta' Sir Agostino Naudi. (CMM, 05/07).
- Il-Banda San Giorgio ta' Cospicua fix-Xatt ta' l-Isla. (CMM, 26/07).
- Fil-festa ta' San Duminku mżanżan innu ġdid ta' Privitera bil-kant tat-tfal immexxija minn F. Galea u l-Banda Nazionale Vincitrice. (*Fede Azione*, 09/08).
- Il-Banda San Ġorġ u l-Banda La Vallette fil-Birgu fil-festa ta' S. Lawrenz. (CMM, 02-09/08).
- Il-Banda Nazionale Vincitrice fil-Pjazza tal-Palazz il-Belt, diretta mis-Surmast F. Galea, fejn daqqet valz iddedikat lil Nelly Smith. (*Malta Std.*, 03/09).
- Il-Banda Nazionale Vincitrice b'innu ġdid ta' S. Duminku ta' Mro. Privitera, u daqqithu fil-festa tal-Vitorja l-Mellieħa bil-versi għall-Madonna meta tmexxiet mis-Surmast Filippu Galea. (Risorgimento, 06/09).
- Il-Banda La Vallette fil-Pjazza tal-Palazz. Kien hemm ukoll il-Banda tal-*Hampshire Regt.* (Malta Std., 19/09).
- Il-Banda Konti Ruġġieru fis-Saqqajja, ir-Rabat. (CMM, 03/10).
- Fil-Pjazza tal-Palazz daqqew il-Baned La Vallette u tal-*Hampshire Regt.* (Malta Std., 06/11).
- Il-Banda Militari ta' *Shropshire Regt.* taħt Mro. J. Phillips fil-Belt. (CMM, 11/11).
- Il-Banda Konti Ruġġieru bi programm fuq is-Saqqajja r-Rabat. (CMM).

## 1885

- Il-Banda Nazionale Vincitrice fi Pjazza S. Ġorġ taħt is-Surmast Filippu Galea, u tispiċċa l-programm bil-'*God Save*'. (Malta Std., 17/01).
- Il-Banda Nazionale Vincitrice ddoqq fi Pjazza S. Ġorġ taħt is-Surmast A.P. Hare. (CMM, 26/01).

- Il-Banda Nazionale Vincitrice fi Pjazza S. Ġorġ taħt Tanfare. (CMM, 20/01).
- Ftuħ ta' Każin Egwaljanza fil-Ħamrun mis-Sur F. Orlando. (CMM, 24/01).
- Il-Banda L'Isle Adam bi programm fuq is-Saqqajja, ir-Rabat. (CMM, 30/01).
- Il-Banda *South York Regt.* fi Pjazza S. Margerita taħt is-Surmast Le Grove. (Risorgimento, 15/04, 10/06 u 14/06).
- Fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt programm minn *Mass Bands* li fih ħadu sehem dawn il-Baned: *1st East Kent, 1st Hams., 1st Dorset, 2nd Yorks*, R.M.F. u Nazionale Vincitrice. (Risorgimento, 06/06).
- Fil-festa tad-Duttrina ż-Żejtun indaqqet il-mużika ta' Bugeja. Kien hemm żewġ baned taż-Żejtun, waħda taħt Orazio Dingli u l-oħra taħt Pio Caruana Dingli. (Risorgimento, 14/06).
- Il-Banda La Vallette f'Għar id-Dud taħt is-Surmast Miruzzi, għax Bartoli kien daħal surmast ta' l-R.M.F.A. u skond ir-regolamenti ma setgħax imexxi banda ċivika. (Malta Std., 16/07).
- Il-Banda *Duke of York* tal-Birgu fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu l-Belt. (Stella Levantina, 20/07).
- Il-Banda Nazionale Vincitrice tibdel isimha għal Prince of Wales mid-29 ta' Lulju 1885. (CMM, 30/07 u Malta Std., 30/07).
- Appell lill-baned biex bħas-sena ta' qabel jieħdu sehem fil-festa Nazzjonali u jkollna Innu Nazzjonali. (Il-Poplu, 31/07).
- Il-Banda ta' Birkirkara fix-Xatt ta' Tas-Sliema taħt is-Surmast Ant. Galea. Il-Baned La Vallette u l-P.o.W. mogħtijin rigali leġiju mill-Gvernatur Simmons. (Risorgimento, 02/08).
- Mro. Malfeggiani b'kunċert fil-Manoel jippreżenta tliet biċċiet mużikali li ħejja għall-festa ta' San Lawrenz tal-Birgu. (Risorgimento, 07/08).
- Iż-żewġ baned tal-Belt fil-festa ta' San Duminku tal-Belt. (Malta Times, 08/08).
- Fil-festa ta' San Duminku l-Belt tieħu sehem il-Banda P.o.W. taħt Mro. Galea u ddoqq l-Innu S. Duminku ta' Privitera għat-tieni sena. (Fede Azione, 11/08).
- Il-Banda Nazionale tirrifjuta li ddoqq Innu Nazzjonali għax kien miktub mill-barrani Privitera. (Risorgimento, 21/08).
- Il-Banda P.o.W. iddoqq fix-Xatt tad-Dwana għar-Regatta tat-8 ta' Settembru. (Malta Std., 10/09).
- Il-Banda P.o.W taħt is Surmast Galea fi Pjazza S. Ġorg il-Belt. (Risorgimento, 01/10).
- Il-Banda P.o.W. iddoqq waqt festa lill-Padre Scio Ġiżwita u kien hemm bosta mistednin. (Risorgimento, 18/10).
- Il-Banda La Vallette tieħu sehem fil-ftuħ tas-sena teatrali fit-Teatru Rjal taħt Ronzoni, l-impressarji ta' Naudi, Ferro u Nani. Kien preżenti l-Gvernatur. (Malta Std., 05/11).
- Il-Banda Militari *1st Battalion Hemps Rgt.* fil-Belt taħt J.M. Salew. (Malta Std., 17/12).
- Il-Banda La Vallette bi programm fi Pjazza S. Ġorg taħt is-Surmast Miruzzi ddoqq 'Donna Juanita' ta' Suppè. (Risorgimento, 20/12).

## 1886

- Il-Banda P.o.W. taħt is-Surmast F. Galea fil-Belt fl-1 ta' Jannar 86. (Malta Std., 31/12).
- Il-Banda La Vallette għall-festa ta' Ħal-Balzan taħt Miruzzi. (Malta Std., 23/03).
- Il-Banda Prince of Wales fl-okkażjoni tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida fl-Imsida. (Malta Std., 23/03).
- Il-Militar jippreżenta *Tatoo* fix-Xagħra tal-Furjana fl-okkażjoni ta' għeluq snin ir-Regina. (Il Popolo, 29/05).
- Bidu tal-Banda Cavalieri di Malta f'tas-Sliema fiċ-Circolo Ceschi. (Malta Std., 27/05).
- Ftuħ tal-Każin San Ġużepp f'Ħal Għaxaq. Kienu nies tal-faħam li talbu lis-Sur Randon. Hekk kien il-bidu tal-banda taħt is-Surmast Caruana Dingli. (Portafoglio, 10/06).
- Fl-*Admiralty House* fil-Birgu jsir festin mir-*Rear Admiral* bil-banda tal-*HMS Alexandria*. (CMM, 22/07).
- Baned militari f'tas-Sliema f'Lulju. Kienu r-*Royal Highlanders*, il-*Gordon Highlands*, id-*Duke of Cornwall* u l-*Light Infantry South Yorkshire*. Uħud daqqew darbtejn tul ix-xahar. (Malta Std., 29/07).
- Il-Banda La Stella t'Għawdex fil-Belt Valletta. (Il Malta, 30/07).
- Il-Banda Unione ta' Ħal Luqa ddoqq ix-Xatt ta' tas-Sliema taħt is-Surmast Gavino Camilleri. (Il Malta, 17/07).
- Għall-festa ta' S. Duminku fil-Belt kien hemm il-Banda La Stella t'Għawdex, La Naz. Vincitrice li issa saret Prince of Wales u l-Melita tan-Naxxar taħt is-Surmast Micallef. (Il Popolo, 07/08).
- Għall-festa ta' Stella Maris kien hemm il-baned Naz. Vincitrice, Unione ta' Ħal-Luqa, Vitoria tan Naxxar u Melita tan-Naxxar. (Il Popolo, 21/08).
- Il-Banda La Vallette fi Pjazza Prince of Wales tas-Sliema waqt li l-banda La Vilhena fuq il-Fosos tal-Furjana taħt C. Abela. (Il Popolo, 01/09).
- F'tas-Sliema tiġi fformata l-Banda Cavalieri di Malta. (Crepuscoli, 18/09).
- Il-Circolo Ceschi jifforma banda bl-isem ta' Cavalieri di Malta f'tas-Sliema taħt is-Surmast Camilleri. (Malta Std., 30/09).
- Fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt jindaqq Innu Nazzjonali tal-Prof. Privitera minn Siracusa bil-versi tal-Prof. Luigi Buillon u esegwit taħt id-direzzjoni tas-Surmast G.M. Spiteri. (Risorgimento, 24/09).
- Għall-festa Nazzjonali ħadu sehem il-baned Unione ta' Ħal Luqa u dik tan-Naxxar. Jindaqq l-Innu Nazzjonali ta' Privitera li kien strumentat mis-Surmast

C. Galea. (Il Popolo, 25/09).

- Iż-żewġ baned tal-Belt bi programmi fil-Belt Valletta. (Malta Std., 07 u 14/10).
- Il-Banda Prince of Wales bi programm fil-Belt fl-okkażjoni tal-*45th Birthday* tal-Prinċep. (Malta Std., 11/11).
- Il-Banda Prince of Wales taħt F. Galea bi programm fil-Pjazza l-Belt. (Il Popolo, 04/12).
- Il-Banda S. Andrija taħt Tumas Galea fil-festa ta' S. Andrija f'Ħal Luqa. (Il Popolo, 04/12).
- Il-La Vallette ddoqq meta n-Nobbiltà Maltija ltaqgħet mad-Duka ta' Edinburgh fil-Palazz tal-Baruni Azzopardi. (Malta Std., 23/12).
- Il-Banda S. Ġorġ ta' Bormla twassal sax-Xatt ta' San Lawrenz il-Birgu lir-Reġimenti Sussex u Northumberland Fusiliers meta kienu sejrin l-Afrika.

## 1887

- Il-Banda La Stella t'Għawdex fil-festa tar-Rabat taħt Ġ. Borg. (Il Popolo, 04/01).
- Il-Banda S. Ġorġ ta' Bormla fuq is-Saqqaja, ir-Rabat. (Il Popolo, 22/01).
- Programmi mill-banda Mannarino taż-Żurrieq f'tas-Sliema fiċ-Circolo Ġorġ Mitrovich. Kien il-bidu ta' din il-banda? ( Il Popolo, 18 u 30/04).
- Iż-żewġ baned tal-Belt fil-festi tal-Ġublew tar-Reġina fil-Belt. (CMM, 26/05).
- Fil-festi tal-Ġublew tar-Reġina, fil-Belt ħadu sehem il-Baned Cavalieri di Malta ta' tas Sliema, il-Banda Mannarino taż-Żurrieq u San Giorgio ta' Bormla. (CMM, 28/05).
- Programm mill-Banda Mater Mariae Grazie ta' Ħaż-Żabbar. (Il Malta, 27/05).
- Il-Banda Konti Ruġġieru fil-festa ta' Korpus tar-Rabat. (Arte e Azione, 14/06).
- Il-Banda Cavalieri di Malta tiffesteġġja l-Jum Nazzjonali f'Tas Sliema. (Il Malta 08/09).
- Il-Banda Prince of Wales taħt F. Galea fil-Pjazza l-Belt. (CMM, 24/11).
- Fil-festa Nazzjonali, iż-żewġ baned tal-Belt ħadu sehem. (Pub. Opinion, 19/12).

## 1888

- Tissemma l-isfida li kien hemm bejn iż-żewġ baned tal-Belt. (CMM, 21/01).
- Il-Banda tal-Belt *Prince of Wales* fil-festa tal-Karmnu bħala 'Befana'. (Malta Std., 18/02).
- Miet is-Surmast Giuseppe Privitera li kien ikkompona l-ewwel Innu Nazzjonali għal Malta. (Fede e Azione, 10/03 u Malta Times 09/03).
- Il-Banda La Vallette fi Pjazza S. Ġorġ taħt is-Surmast Gaetan Grech. (CMM, 08/04).
- Miet is-Surmast Luigi Amore ta' 80 sena li kien mużikant popolari fostna. (Fede e Azione, 17/04).
- Il-La Vallette ddoqq fil-Villa Bologna għand Lord Strickland f'H'Attard. (Malta Std., 17/04).
- Il-La Vallette taħt is-Surmast G. Grech fil-Pjazza l-Belt. Il-kumitat ħadha kontra l-Gvern li kien ħatar lis-Surmast Micallef biex jgħallem il-mużika tat-tfal orfni meta skond huma qalu li kien hemm oħrajn aktar kapaċi bħal Galea, Abela Scolaro u Grech. (Pub. Op., 21/05).
- Il-Banda S. Ġorġ ta' Bormla f'Għawdex fl-okkażjoni ta' l-ewwel ġebla tas-Santwarju ta' Lourdes fl-Imġarr. (CMM, 08/06).
- Il-Baned La Vallette u *Cavalieri di Malta* f'Tas Sliema mfaħħra. (CMM, 09/06).
- Festa tal-Madonna tal-Providenza għand il-Patrijiet Kapuċċini tal-Birgu. (CMM, 19/06).
- Fil-festa ta' San Ġwann fil-Kon-Katidral il-Belt u jieħdu sehem il-Banda La Vallette u l-Cavalieri di Malta ta' tas-Sliema. (CMM, 22/06).
- Il-Banda San Ġorġ ta' Bormla bi programm fi Pjazza Santa Margerita taħt is-Surmast Gaetano Grech daqqet fost oħrajn La Befana, Zampa, Ugonoth, Trovator, eċċ. u qalgħet ħafna tifħir. (CMM, u Pub. Op. 22-23/06).
- Tħabbar li l-programm mill-Banda *Black Watch* tar-Reġiment Skoċċiż fi Pjazza S. Ġorġ il-Belt. (Portafoglio Maltese, 25/06).
- Il-baned militari *Black Watch* u dik ta' l-*Essex Regt.* bi programmi f'Tas-Sliema. (Malta Std., 10/08).
- Fil-festi fl-Isla kien hemm il-Baned tal-Birgu, tal-Belt La Vallette u l-Prince of Wales u ta' Ħal-Qormi. (Malta Std. 07/09, u Malta Chronicle 11/09).
- Il-Banda La Vallette f'Kastilja *Officers Mess* f'festin speċjali ta' l-R.A u R.E. (Malta Std., 21/09).
- Il-Banda *Prince of Wales* tal-Belt iddoqq ukoll fil-*Mess ta' l-Uffiċjalità* f'Kastilja. (Malta Std., 12/10).
- Il-Banda La Vallette ddoqq fil-Palazz tal-Governatur f'festin mogħti minn Lady Torrens b'ħafna mistednin. (Malta Std., 23/11).
- Il-Banda *Prince of Wales* f'*entertainment party* fil-Palazz tal-Gvernatur meta kienu mistiedna d-Duka ta' Edinburgh u d-Dukessa. (Malta Chronicle, 07/12).

## 1889

- Programmi li fihom tissemma' l-Banda tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar. (Il Malta, 15/02, 19/02 u 22/02).
- Tissemma' l-Banda S. Filippu ta' Ħaż-Żebbuġ. (Il Malta, 11/04).
- Iż-żewġ baned tar-Rabat – l'Isle Adam u Konti Ruġġieru - fil-Ġimgħa l-Kbira tar-Rabat. (Il Malta, 20/04).
- Isir il-funeral ta' Bandist tal-Banda Prince of Wales għaċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata u fih ħadu sehem il-Baned *Prince of Wales*, La Vallette u Banda Militari. (Malta Std., 14/05).
- Festa tas-Ssma. Trinità fl-Isla u hemm kienu l-Banda S. Ġorġ ta' Bormla taħt Mro. G. Grech. (Pub.Op. 20/06).
- Il-Banda La Vallette u Cavalieri di Malta fil-festa tal-

Qalb ta' Ġesù f'tas-Sliema. (Malta Std., 05/07).

- Il-Baned R.M.A u l-*Prince of Wales* bi programmi fil-Belt u f'tas-Sliema. (Malta Chronicle, 26/07).
- Il-Banda R.M.A fil-Birgu fil-festa ta' S. Lawrenz. (Malta Chronicle, 09/08).
- Il-Banda tar-Royal Berkshire fil-Belt Valletta taħt Mro. Frances. (Pub. Op., 02/11).
- Jitħabbar li s-Soċjetà Vincitrice tal-Profs. Ronzoni esegwiet programm fi Pjazza S. Ġorġ fil-Belt. (La Campana, 19/11).
- Il-Banda S. Andrija taħt is-Surmast Catania fil-festa ta' S. Andrija f'Ħal-Luqa. (Pub. Op., 28/11).
- Dawn huma l-Baned li jsemmi l-*Almanacco Generale* ta' Giov. Muscat fl-1889:

| | | | |
|---|---|---|---|
| La Vallete | Valletta | 2 Piazza Regina | Direttur Gaetan Grech |
| Prince of Wales | Valletta | 20 Piazza Fosse | Direttur Filippo Galea |
| L'Unione | Vittoriosa | 9 Piazzetta | Direttore T. Catania |
| Cavalieri di Malta | Sliema | 1 Strada it-Torri | Direttore Ferdinand Camilleri |
| San Giorgio | Cospicua | 157 Strada S.Teresa | Direttore Gaet. Grech |
| L'Isle Adam | Rabat | 32 Strada S Agostino | Direttore Lorenzo Gatt |
| Conte Ruggiero | Rabat | Strada Reale | Direttore Francesco Xuereb |
| Soc. Fil. dei Curmini | Qormi | Strada Reale | Direttore G. Zarb |
| Soc. Fil. del | Zabbar | Piazza S. Giacomo | Direttore C. Abela Scolaro |
| Soc. Fil. di | Birkirkara | 23 Srada S Elena | Direttore Tommaso Galea |
| Mannarino | Żurrieq | | Direttore Ignazio Catania |
| Cavaliere | Żurrieq | 20 Strada Brittanica | Direttore C. Zammit |
| **Soc. Fil. di** | **Mosta** | **Strada Reale** | **Direttore Gius. Micallef** |
| Soc. Fil. del | Żejtun | Strada S. Caterina | Direttore G.B. Cassar |
| Sant'Andrea | Luqa | 103 Strada Carmine | Direttore Tommaso Galea |
| L'Unione | Luqa | 55 Srada S. Paolo | Direttore Gavino Camilleri |
| Vittoria | Naxxar | 131 Strada S. Lucia | Direttore Carmelo Spiteri |
| Leone | Victoria | 38 Via G. Garlo | Direttore A. Buhagiar |
| La Stella | Victoria | 17 Strada Fontana | (Presidente Fortunat Mizzi LLD) |

## 1890

- Il-Banda *Royal Berks* iddoqq fil-Belt. (Pub. Op., 09/01 u 16/01).
- Mro. Bonomu fit-Teatru Rjal bl-opra 'Cicco e Cola'. (Il Portafoglio, 16/01).
- Fil-festa ta' San Publiju kien hemm il-Baned *Royal Berks* ta' Ħaż-Żabbar, l-R.M.A, ta' Ħal-Qormi, *Cavalieri di Malta* u *Shropshire Regt. Band*. (Pub. Op., 15/04).
- Il-Banda ta' l-R.M.A taħt Mro. Filippo Galea, u tispiċċa bil-*God Save*. (Pub. Op., 15/05).
- Il-Banda Unione ta' Ħal-Luqa ddoqq fil-festa fl-Isla. (Il Malta, 06/09).
- Il-Banda S. Ġorġ ta' Bormla ddoqq taħt Mro. Abela Farrugia. (Il Malta, 22/09).

## 1891

- F'Ħaż-Żabbar jiftaħ każin ġdid mill-Mark de Piro u Savona. (Pub. Op., 27/01).
- Jiftaħ iċ-Ċirkolu San Mikiel f'Ħaż-Żabbar. (Il Malta, 28/01).
- Il-Baned La Vallette u *Prince of Wales* jingħaqdu flimkien fil-festa S. Pawl u fil-Pjazza daqqew il-God Save biex isellmu lill-Gvernatur. (Malta Std., 24/02).
- Fil-festa ta' S. Publiju kienu l-Baned Welsh Regt, R.M.A., ta' Ħaż-Żabbar taħt A. Agius u l-Prince of Wales tal-Belt. (Malta Std., 10/04).
- Il-Baned La Vallette u l-*Prince of Wales* idoqqu f'Tunes. (Pub. Op., 16/04).
- Il-Banda La Vallette tiffesteġġja lill-Maestri Nani u Camilleri. (Malta Std., 01/05).
- Il-Banda Cavalieri di Malta ddoqq f'Għar id-Dud. (Malta Std., 05/05).
- Il-Banda La Vallette u *Cavalieri di Malta* jdoqqu f'tas-Sliema. (Malta Std., 12/06).
- Is-Surmast Carabott ta' La Vallette onorat mill-*Bey* ta' Tunes u fil-visita reċenti offra bandalora. (Malta Std., 03/07).
- Il-Banda *Connought Rangers* tieħu sehem fil-festa tal-Vitorja fl-Isla taħt is-Surmast Evan. (Pub. Op.).

***(ikompli f'edizzjoni oħra)***

CASSIA WOODWORKS

***Apertures • Furnitures • Kitchen Units***

***and all sorts of Joinery***

Triq in-Naġġar, Mosta • Tel: 21 413587